servizz pubbliku

# ARMS Ltd

## MIN AĦNA

ARMS Ltd hi kumpanija privata b'responsabbiltà limitata, li twaqqfet bħala impriża konġunta bejn il-Korporazzjoni Enemalta (EMC) u l-Korporazzjoni Water Services (WSC). Fi Frar tal-2009 ARMS Ltd ġiet maħtura minn EMC u WSC biex tamministra programm ta' trasformazzjoni ta' 5 snin, li jinvolvi l-implementazzjoni ta' teknoloġija li tuża l-ismart meter madwar il-gżejjer Maltin, flimkien mal-implementazzjoni ta' teknoloġija SAP biex twettaq proċess ta' tibdil fi ħdan iż-żewġ korporazzjonijiet.

Fl-2010 numru ta' servizzi mmaniġjati mill-Korporazzjonijiet individwali, ġew ikkonsolidati u trasferiti taħt ir-responsabbiltà maniġerjali ta' ARMS Ltd. Iż-żewġ korporazzjonijiet se jiksbu benefiċċji importanti billi jikkonsolidaw u jesternalizzaw il-proċessi tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam l-arloġġi u l-kontijiet, kif ukoll is-servizzi ta' assistenza lill-konsumatur għal ARMS Ltd. L-impjegati ta' ARMS Ltd għandhom l-opportunità li jaħdmu fuq l-aqwa sistemi tal-informatika, filwaqt li jkunu pprovduti b'kull taħriġ meħtieġ biex itejbu l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://arms.com.mt/mt/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulati fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'korteżija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 25-35 minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Servizzi ta' appuntamenti ma jiġux offruti.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'korteżija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *feedback.arms@arms.com.mt*
- Permezz tas-Servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometi ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 2 jumejn tax-xogħol

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Uffiċċju tal-ARMS, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta
  Uffiċċju tal-ARMS, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, Malta
  L-Uffiċċju tal-ARMS, Triq il-Kapuċċini, Rabat, Għawdex
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa Xitwa: 08:00-13:30; Sajf: 07:30-12:00, Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://arms.com.mt/mt/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mal-uffiċċju: *feedback.arms@arms.com.mt*; *applications.arms@arms.com.mt*; *temporaryservice@arms.com.mt* - +356 8007 2222
- Permezz tal-midja soċjali: